# MALTA

**ATT Nru. VIII ta' l-1978**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1948 dwar il-Pensonijiet għax-Xjuħ.**

**ACT No. VIII of 1978**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Old Age Pensions Act, 1948.**

Naghti l-kunsens tieghi.

Anton Buttigieg
President

17 ta' Marzu, 1978

# ATT Nru. VIII ta' l-1978

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1948 dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1978 li jemenda l-Att dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1948 dwar il-Pensjonijiet għax-Xjuħ, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ fl-1 ta' April, 1978.

Emenda ta' l-artikolu 3A ta' l-Att prinċipali.

**2.** Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3A ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "disgħin ċenteżmu" għandhom jidħlu l-kliem "mitt ċenteżmu".

Emenda ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

**3.** L-Iskeda li tinsab ma' l-Att prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-paragrafi 1 u 2 tagħha għandu jidħol dan li ġej:

"1. Meta l-mezzi fis-sena ta' raġel u martu (mhux mifrudin skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, u ż-żewġ persuni jkollhom jedd għal pensjoni taħt dan l-Att) kalkolati skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att —

| | Rata ta' pensjoni fil-ġimgħa kull persuna £ c m |
|---|---|
| ma jkunux iżjed minn £100 ... | 6 75 0 |
| ikunu iżjed minn £100 iżda mhux iżjed minn £200 ... ... | 5 65 0 |
| ikunu iżjed minn £200 iżda mhux iżjed minn £300 ... ... | 4 50 0 |
| ikunu iżjed minn £300 iżda mhux iżjed minn £400 ... ... | 3 40 0 |
| ikunu iżjed minn £400 ... ... | Ebda pensjoni. |

2. Meta l-mezzi fis-sena ta' xi ħaddieħor li jitlob jew ta' xi pensjonant ieħor, kalkolati skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att —

| | Rata ta' pensjoni fil-ġimgħa kull persuna £ c m |
|---|---|
| ma jkunux iżjed minn £50 ... | 8 60 0 |
| ikunu iżjed minn £50 iżda mhux iżjed minn £100 ... ... | 7 30 0 |
| ikunu iżjed minn £100 iżda mhux iżjed minn £150 ... ... | 6 00 0 |
| ikunu iżjed minn £150 iżda mhux iżjed minn £200 ... ... | 4 60 0 |
| ikunu iżjed minn £200 ... | Ebda pensjoni;" u |

(b) il-paragrafu 3 tiegħu għand jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-partita (iv) tat-tieni proviso għas-sub-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "tlieta u kwart jew, skond il-kas" għandhom jidħlu l-kliem "tlieta u kwart jew, skond il-każ, tlieta u kwart u";

(ii) fil-proviso għall-partita (ii) tas-sub-paragrafu (b) tiegħu l-kliem "li bih il-valur kapitali jeċċedi t-£3,000" għandhom jitħassru u minnufih wara l-kliem "il-valur fis-sena" għandhom jidħlu l-kliem "ta' kull valur kapitali li jeċċedi t-£3,000"; u

(iii) il-partiti (iii) u (vi) tal-proviso għas-sub-paragrafu (ċ) għandhom jitħassru.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 145 tat-13 ta' Marzu, 1978.

*Speaker*

*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

President

17 March, 1978

## ACT No. VIII of 1978

*AN ACT further to amend the Old Age Pensions Act, 1948.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title and commencement.

1. (1) This Act may be cited as the Old Age Pensions (Amendment) Act, 1978, and shall be read and construed as one with the Old Age Pensions Act, 1948, hereinafter referred to as "the principal Act".

(2) This Act shall come into force on the 1st day of April, 1978.

Amendment of section 3A of the principal Act.

2. In subsection (1) of section 3A of the principal Act for the words "ninety cents" there shall be substituted the words "hundred cents".

Amendment of the Schedule to the principal Act.

3. The Schedule to the principal Act shall be amended as follows:

(a) for paragraphs 1 and 2 thereof there shall be substituted the following:

"1. Where the total yearly means of a married couple (not being separated in accordance with the provisions of the Civil Code, and both persons being entitled to a pension under this Act) calculated in accordance with the provisions of this Act —

| | Weekly rate of pension per person | | |
|---|---|---|---|
| | £ | c | m |
| do not exceed £100 ... ... ... | 6 | 75 | 0 |
| exceed £100 but do not exceed £200 | 5 | 65 | 0 |
| exceed £200 but do not exceed £300 | 4 | 50 | 0 |
| exceed £300 but do not exceed £400 | 3 | 40 | 0 |
| exceed £400 ... ... ... ... | No pension. | | |

2. Where the yearly means of any other claimant or pensioner calculated in accordance with the provisions of this Act —

| | Weekly rate of pension per person | | |
|---|---|---|---|
| | £ | c | m |
| do not exceed £50 ... ... ... | 8 | 60 | 0 |
| exceed £50 but do not exceed £100 | 7 | 30 | 0 |
| exceed £100 but do not exceed £150 | 6 | 00 | 0 |
| exceed £150 but do not exceed £200 | 4 | 60 | 0 |
| exceed £200 ... ... ... ... | No pension"; and | | |

(b) paragraph 3 thereof shall be amended as follows:

(i) in item (iv) of the second proviso to sub-paragraph (a) thereof for the words "three and one quarter or as the case may be" there shall be substituted the words "three and one quarter or, as the case may be, three and one quarter and";

(ii) in the proviso to item (ii) of sub-paragraph (b) thereof the words "by which the capital value exceeds £3,000" shall be deleted and immediately after the words "the yearly value" there shall be inserted the words "of any capital value in excess of £3,000"; and

(iii) items (iii) and (vi) of the proviso to sub-paragraph (c) shall be deleted.

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 145 of the 13th March, 1978.

*Clerk to the House of Representatives*

*Speaker*